**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors Numru 74/2016**

**Vodafone Malta Limited**
**(C 10865)**

**vs**

**Charles Magri**
**(K.I. 219874M)**

**Illum, 1 ta' Frar 2017**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tas-socjetà attrici fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont ta' sitt elef u disgha mija u erba' Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€6,904.27), in kwantu ghal **sitt elef u erba' mija u wiehed u ghoxrin Ewro u centezmu wiehed (€6,421.01)** rapprezentanti servizzi rezi u prodotti provduti mis-socjetà attrici in konnessjoni mat-tariffa '*Voda Red PRM Con-Tytha*' bil-kont numru 4.5518.10.00.100004 u in kwantu ghal erba' mija u tlieta u tmenin euro u sitta u ghoxrin centezmu (€483.26) rapprezentanti servizzi rezi u

prodotti provduti mis-socjetà attrici in konnessjoni mat-tariffa '*Mobile WiFi'* bil-kont numru 4.5518.10.00.100010 u dan kif jidher fil-fatturi hawn annessi u immarkati bhala 'Dok VF 1' u 'Dok VF2' rispettivament.

Is-socjetà attrici tkompli billi tghid illi minkejja diversi attentati sabiex jigi notifikat l-intimat u sabiex huwa ihallas l-ammont dovut minnu, huwa ghadu sal-lum il-gurnata debitur tas-socjetà attrici fl-ammont surreferit.

Bl-ispejjez, inkluz dawk referibbli ghall-mandat ta' sekwestru kawtelorju prezentat kontestwalment ma' dan l-avviz, u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, kontra l-intimat illi hu, minn issa, ingunt gha-subizzjoni tieghu.

Illi l-intimat ma prezentax nota tal-eccezzjonijiet però kkontesta t-talba bid-dehra tieghu fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2016, meta sar l-ewwel smiegh tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2016, il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u qieset il-provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta rikorrenti qeghda titlob illi l-intimat jigi kundannat ihallas l-ammont ta' sitt elef u disgha mija u erba' Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€6,904.27).

Illi fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2016, l-istess rikorrenti rriduciet it-talba taghha ghall-ammont globali ta' hamest elef Ewro (€5,000) bl-ispejjez a karigu tal-intimat.

Illi l-intimat f'dan l-istadju rregistra ammissjoni ghal tali talba kif ridotta u spjega li kien intlahaq arrangament verbali li tali somma ghandha tithallas minnu lis-socjetà rikorrenti f'pagamenti mensili.

Illi ma ngabet l-ebda prova ta' proceduri ohra li setghu ittiehdu mis-socjetà rikorrenti kontra l-intimat, ghajr il-procedura odjerna u ghalhekk l-ispejjez dovuti mill-intimat huma biss dawk tal-procedura odjerna.

Illi ghalhekk, fuq ammissjoni, it-talba tas-socjetà rikorrenti kif ridotta tirrizulta pruvata fl-ammont globali ta' hamest elef Ewro inkluz l-imghaxijiet legali mitluba, eskluzi però l-ispejjez tal-prezenti procedura.

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tas-socjetà rikorrenti fl-ammont globali ta' hamest elef Ewro (€5,000), inkluz spejjez u imghaxijiet legali dovuti sad-data ta' din is-sentenza f'din il-procedura, liema somma ghandha tithallas mill-intimat f'pagamenti mensili u bl-ispejjez tal-procedura odjerna a karigu tal-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur